



30.1.2015

AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: Petizzjoni 2099/2013 imressqa minn Ilona Vinkler, ta' nazzjonalità Daniża, dwar pensjoni parzjali fid-Danimarka

1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonanta marret tgħix fid-Danimarka fl-1991, fejn hija ħadmet sal-2005, sena fejn, wara li saret diżabbli dovut għal mard reumatiku, kellha tirtira. Dak iż-żmien kellha biss 35 sena. Kien biss meta nġhatat pensjoni li saret taf li, peress li kienet għexet fil-Polonja bejn il-15 u t-22 sena, hija ma kinitx intitolata għall-ammont sħiħ iżda biss għal pensjoni minima. Il-petizzjoni tirreferi kemm għar-Regolament (KEE) Nru 1408/1971 u għall-att ta' emenda (Regolament (KE) Nru 592/2008) u r-Regolament (KE) Nru 883/2004.

2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fit-8 ta' Awwissu 2014. Il-Kummissjoni ntalbet tagħti informazzjoni (l-Artikolu 216(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fit-30 ta' Jannar 2015

Il-kummenti tal-Kummissjoni

Il-kompetenzi tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tas-sigurtà soċjali huma limitati. Kif ġie kkonfermat f'diversi okkażjonijiet mill-Qorti tal-Ġustizzja¹, it-Trattati jipprovdu bażi għall-

¹ Ara pereżempju l-Kawża 41/84 *Pinna vs Caisse d'allocation familiales de la Savoie* [1986] ECR 16, paragrafu 20; Il-Kawża C-340/94 *de Jaeck v Staatssecretaris van Financiën* [1997] ECR I-495, paragrafu 18; Il-Kawża C-221/95 *Institut National d'Assurances Sociales pour Travailleurs Indépendants v Hervein* [1997] ECR

koordinazzjoni, iżda mhux għall-armonizzazzjoni, tal-leġislazzjoni tal-Istati Membri. Fl-assenza ta' armonizzazzjoni, id-dritt tal-UE ma jillimitax il-libertà tal-Istati Membri li jorganizzaw l-iskemi tas-sigurtà soċjali tagħhom. Hija l-leġislazzjoni nazzjonali ta' kull Stat Membru li għandha tispeċifika l-kundizzjonijiet li fihom jingħataw il-benefiċċji tas-sigurtà, kif ukoll li tistabbilixxi l-ammont ta' dawn il-benefiċċji u għal kemm żmien jingħataw, dejjem jekk tali dispożizzjonijiet ikunu konformi mal-prinċipji tat-trattament ugwali u n-nondiskriminazzjoni. B'riżultat ta' dan, jeżistu differenzi sostantivi u proċedurali bejn is-sistemi ta' sigurtà soċjali tal-Istati Membri individwali u, konsegwentement, fid-drittijiet tal-persuni li jaħdmu fi Stati Membri differenti, li mhumiex affettwati mit-Trattati.

Fil-qasam tal-pensjonijiet u l-benefiċċji tal-invalidità, huwa komuni li l-leġislazzjoni tal-Istati Membri tirrikjedi li jiġi kkompletat ċertu perjodu minimu ta' assikurazzjoni, impjieg, impjieg indipendenti jew residenza qabel ma jkun jista' jinkiseb id-dritt għall-benefiċċju. Għal din ir-raġuni, huwa prinċipju importanti li, f'każ fejn ċittadin ikun ħadem f'aktar minn Stat Membru wieħed, il-perjodi ta' żmien għandhom jiġu aggregati.¹ Dan ifisser li Stat Membru għandu, għall-iskop ta' akkwist ta' dritt għall-benefiċċji, jieħu kont tal-perjodi ta' assikurazzjoni, impjieg, impjieg indipendenti jew residenza li jkunu ġew kompletati fi Stat Membru ieħor sa fejn dan ikun meħtieġ (jiġifieri, sakemm l-ammont totali ta' perjodi kkompletati fit-territorju tiegħu stess ma jkunx iqsar minn dak neċessarju biex jintlaħaq il-perjodu rikjest għall-intitolament).

Madankollu, il-prinċipju ta' aggregazzjoni tal-perjodi ma jfissirx li l-perjodi kkompletati fi Stat Membru wieħed għandhom jitqiesu fi Stat Membru ieħor sabiex jiġi kkalkolat l-ammont ta' benefiċċji mogħtija lir-rikorrent (jiġifieri sabiex tiġi imposta responsabilità fuq Stat Membru biex dan iħallas ammont ta' benefiċċju b'rabta mal-perjodi li, fihom, il-benefiċjarju ġie soġġett għall-leġislazzjoni dwar is-sigurtà soċjali ta' Stat Membru ieħor). Minflok, is-suppożizzjoni hija li persuna li ġiet soġġetta għall-leġislazzjoni dwar is-sigurtà soċjali ta' aktar minn Stat Membru wieħed tista' tirċievi benefiċċju separat f'kull Stat Membru kkonċernat. Dan il-benefiċċju huwa kkalkolat abbażi tal-perjodu li, fih, l-individwu ġie soġġett għall-leġislazzjoni dwar is-sigurtà soċjali ta' kull territorju kkonċernat, u dan ifisser li kull Stat Membru jaġhti ammont prorata lir-rikorrent, f'konformità mal-leġislazzjoni nazzjonali tiegħu.

Skont l-informazzjoni li għandha l-Kummissjoni, id-dritt Daniż jistipula li l-intitolament għall-pensjoni huwa kkalkolat abbażi tan-numru ta' snin ta' residenza permanenti li persuna tkun għamlet fid-Danimarka bejn il-15-il sena u l-età tal-pensjoni jew tal-invalidità (irrispettivament mill-fatt jekk il-persuna kinetx impjegata jew kinetx tħallas it-taxxa tul dan il-perjodu). Il-leġislazzjoni Daniża dwar il-benefiċċji tal-invalidità tipprevedi li l-persuni li jkunu għexu d-Danimarka minn tal-anqas għal 80 % tal-perjodu bejn il-15-il sena u l-bidu tal-invalidità tagħhom huma intitolati għall-ammont sħiħ ta' pensjoni tal-invalidità stabbilit mill-leġislazzjoni Daniża. Persuni li kienu jgħixu d-Danimarka għal perjodu ta' żmien iqsar jirċievu kwota kkalkolata proporzjonalment għall-ammont sħiħ. Din il-parti tikkorrispondi għall-perjodu reali ta' residenza fid-Danimarka tal-persuna kkonċernata bejn il-15-il sena u l-

I-635, paragrafu 16.

¹ Wieħed għandu jinnota li regoli differenti japplikaw għall-benefiċċji tal-invalidità bbażati fuq l-hekk imsejħa "leġislazzjoni tat-tip A", li hija leġislazzjoni li tistabbilixxi li l-ammont tal-benefiċċji tal-invalidità huwa indipendenti mill-perjodi ta' assikurazzjoni jew residenza, u li huma msemmija b'mod espliċitu fl-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 883/2004, ara l-Artikolu 44(1) tar-Regolament. Peress li l-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 ma jinkludi l-ebda element fir-rigward tad-Danimarka, dan kollu mhuwiex relevanti fil-każ ikkonċernat.

bidu tal-invalidità maqsuma bit-80 % tal-perjodu sħiħ bejn l-età ta' 15-il sena u l-bidu tal-invalidità. Fil-każ tal-petizzjonanta, dan ifisser li tirċievi 32/40 tal-pensjoni tal-invalidità sħiħa, u dan jirrifletti l-fatt li għexet il-Polonja għal seba' snin mill-perjodu ta' bejn il-15 u l-35 sena (l-età meta beda l-intitolament tagħha għal pensjoni tal-invalidità). Dan kollu huwa konformi mal-prinċipji bażiċi tal-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali tal-UE fil-qasam tal-benefiċċji tal-invalidità msemmija hawn fuq, inkluż il-prinċipju tal-akkumulazzjoni tal-perjodi bħala l-bażi tal-intitolament.

Mingħajr informazzjoni ulterjuri huwa diffiċli li jsiru osservazzjonijiet dwar ir-raġunijiet li, għalihom, ir-rikorrent iċċaħħdet mill-pensjoni tal-invalidità prorata min-naħa tal-Polonja. skont l-informazzjoni li għandha l-Kummissjoni, il-leġiżlazzjoni Pollakka tistipula li l-pensjoni tal-invalidità (*renta z tytułu niezdolności do pracy*) tista' titħallas lil persuna li hija meqjusa parzjalment jew totalment indisposta biex iżżomm impjieg bil-ħlas minħabba l-istat ta' saħħitha. Barra minn hekk, tali individwu għandu jkun kapaċi juri li jkun kiseb il-perjodu ta' assikurazzjoni rikjest għall-kopertura, filwaqt li jqis il-perjodi kontributorji u nonkontributorji (ħames snin fil-każ ta' xi ħadd li jintlaqat minn invalidità wara li jkun għalaq it-30 sena) u l-fatt li l-inabbiltà li jaħdem tkun bdiet f'perjodi stabbiliti speċifikament mil-liġi, pereżempju matul il-perjodu ta' assikurazzjoni jew impjieg, il-perjodu li fih l-individwu jirċievi benefiċċji tal-qgħad jew allowances ta' assikurazzjoni soċjali (minħabba mard jew kura), jew mhux aktar tard minn 18-il xahar wara tmiem dawn il-perjodi. Kif intqal hawn fuq, skont il-prinċipju ta' aggregazzjoni, Stat Membru kompetenti jeħtieġ, għall-iskop ta' akkwist ta' dritt għall-benefiċċji, jieħu kont tal-perjodi ta' assikurazzjoni, impjieg, impjieg indipendenti jew residenza li jkunu ġew kompletati fi Stat Membru ieħor, sa fejn dan ikun meħtieġ biex jintlaħaq il-perjodu rikjest għall-intitolament. Teżisti wkoll aspettattiva, skont il-prinċipju ta' assimilazzjoni tal-fatti, li Stat kompetenti, li l-leġiżlazzjoni tiegħu tattribwixxi effetti legali għall-okkorrenza ta' ċerti fatti jew ġrajjet, jeħtieġ li jieħu kont tal-fatti u l-ġrajjiet simili li jkunu qed jokkorru fi kwalunkwe Stat Membru bħallikieku dawn ikunu ġraw fit-territorju tiegħu stess. Għaldaqstant, fil-prinċipju, il-petizzjonanta għandha tkun ikkwalifikata għal pensjoni tal-invalidità, ikkalkolata fuq bażi prorata b'referenza għall-perjodu ta' kwalifika fil-Polonja. Madankollu, huwa possibbli li, fil-prattika, il-petizzjonanta m'għandha l-ebda perjodi ta' assikurazzjoni bbażati fuq kontribuzzjoni kwalifikattiva jew nonkontribuzzjoni fil-Polonja, u għaldaqstant mhijiex eleġibbli. Il-petizzjonanta tista' tibbenefika billi titlob informazzjoni speċifika ulterjuri mill-awtoritajiet Pollakki b'rabta mar-raġunijiet li għalihom hija ġiet ivvalutata li mhijiex intitolata għal pensjoni tal-invalidità.

Il-petizzjonanta għandha mnejn tkun intitolata għal suppliment pagabbli f'konformità ma' § 27a tal-Liġi Daniża dwar il-Politika Soċjali Attiva (*lov om aktiv socialpolitik*), jekk il-pensjoni tagħha taqa' taħt il-livell ta' "assistenza għall-bidu" (*starthjaelp*) jew "assistenza fi flus" (*kontanthjaelp*). L-intitolament għal dan is-suppliment jiddependi minn jekk l-applikant kienx resident fid-Danimarka għal total ta' seba' snin mill-aħħar tmien snin u jekk l-applikant kellux impjieg regolari fid-Danimarka għal perjodu li b'kollox huwa ekwivalenti għal impjieg full-time ta' sentejn u sitt xhur tul l-aħħar tmien snin. Madankollu, mill-informazzjoni li pprovdiet il-petizzjonanta ma jistax jiġi kkalkolat jekk hija tissodisfax il-kundizzjonijiet għal allowance addizzjonali bħal din jew le.

Il-petizzjonanta tilmenta wkoll dwar il-fatt li meta l-pensjoni tal-invalidità tagħha finalment tiġi kkonvertita għal pensjoni tax-xjuħija, din se tibqa' bbażata fuq l-istess proporzjon prorata li ntuża mill-awtoritajiet Daniżi biex jikkalkolaw il-pensjoni tal-invalidità tagħha. Fil-fehma tagħha, dan il-metodu mhuwiex ġust għax fid-data li fiha tilħaq l-età statutorja tal-pensjoni

hija tkun għexet 45 sena d-Danimarka, aktar mill-40 sena rikjesti għal pensjoni sħiħa. Hija tistaqsi għalfejn, biex tiġi kkalkolata l-pensjoni tax-xjuħija tagħha, mhux qed jittieħed kont tas-snin żejda li tulhom għexet id-Danimarka hija u tirċievi pensjoni tal-invalidità. Kif intqal hawn fuq, fl-assenza ta' armonizzazzjoni, id-dritt tal-UE ma jillimitax il-libertà tal-Istati Membri biex jispeċifikaw il-kundizzjonijiet li fihom jingħataw il-benefiċċji tas-sigurtà, kif ukoll li jstabbilixxi l-ammont ta' dawn il-benefiċċji u għal kemm żmien jingħataw, dejjem jekk dawn ikunu konformi mal-prinċipji tat-trattament ugwali u n-nondiskriminazzjoni. Għaldaqstant, il-leġislazzjoni tad-Danimarka dwar il-konverżjoni ta' pensjoni tal-invalidità għal pensjoni tax-xjuħija hija kompatibbli mad-dritt tal-UE.

Il-petizzjonanta ma telaborax dwar ir-raġunijiet li għalihom tqis li l-arranġamenti fid-Danimarka jikkostitwixxu ksur tad-Direttiva 79/07/KEE dwar l-implimentazzjoni progressiva tal-prinċipju tat-trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' sigurtà soċjali, u għaldaqstant mhuwiex possibbli li tingħata tweġiba għat-tħassib tagħha f'dan ir-rigward.

Konklużjoni

Fid-dawl tal-prinċipji ta' koordinazzjoni fil-qasam tal-pensjonijiet tax-xjuħija u l-pensjonijiet tal-invalidità stabbiliti fid-dritt Ewropew, l-ilment tal-petizzjonanta li għandha tirċievi pensjoni tal-invalidità sħiħa ma jstax jiġi appoġġat. Barra minn hekk, abbażi tal-informazzjoni pprovduta, il-Kummissjoni ma tista' tidentifika l-ebda ksur tad-Direttiva 79/07/KEE fir-rigward tal-implimentazzjoni progressiva tal-prinċipju tat-trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' sigurtà soċjali.